# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u għoxrin (27) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar id-19 ta' Mejju 2009, fis-6:35pm, fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| ASSENTI | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-segretarju eżekuttiv qara l-**minuti** punt punt u kien imwaqqaf wara kull *item* biex saru l-korrezzjonijiet li kien hemm bżonn skond kif inizjalati fuq il-kopja oriġinali u telgħu l-punti mill-minuti.

3. Dwar il-**ftehim propost mill-KLM biex ir-responsabbiltà tal-ħofor tal-festa tiġi trasferita fuq il-każini**, li ssemma f'diversi laqgħat preċedenti, is-sindku rrimarka li dan għadu ma ġiex iffirmat, filwaqt li dak il-ħin stess fuq inizjattiva tad-deputat sindku, ġie s-segretarju tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ) u ffirmah. Għad jonqos il-firem mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V (SSM).

4. Dwar il-**propost ftehim bejn is-SMMTĠ u l-kunsill biex jamministraw il-kabbani** li huma fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, minbarra li nġibditilna l-attenzjoni mid-Dipartiment tal-Finanzi li dan ma stajniex nagħmluh, ftit tal-jiem ilu s-SMMTĠ qalulna li m'għadhomx aktar interessati li jagħmlu dan u għalhekk il-gwardjani lokali u l-immaniġjar tat-traffiku fil-festa jibqgħu fir-responsabbiltà esklussiva tal-KLM. Dwar ir-rata ta' ħlasijiet, is-sindku qal li din diġà hija mraħħsa bid-€9 is-siegħa, skond kif qal il-*Manager* ta' *Sterling Security* stess, is-Sur Joe Borg fil-laqgħa li kellna miegħu, fil-preżenza ta' rappreżentanza tas-SMMTĠ. Is-sindku qal li l-immaniġjar bil-gwardjani lokali se jseħħ nhar u lejlet il-festa b'sitta u disa' gwardjani inkluż is-*supervisor*, rispettivament.

5. Għalhekk, issa li sirna nafu b'dan il-**bdil fil-pjan**, l-KLM approva mill-ġdid li l-kabbani tal-festa jitpoġġew fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq il-Qattara u Triq il-Barrieri. Madankollu propju l-bieraħ is-sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-sidien tal-kabbani li jarmaw fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar biex dawn ma jitħallewx jarmaw aktar taħt in-nar tal-art kif propost mis-SMMTĠ. Matul din il-laqgħa, dawn is-sidien irrezistew li jseħħ dan u se jiffirmaw fuq dikjarazzjoni li se jkunu huma li jidħlu responsabbli f'każ li jinqala xi inċident. Dawn matul il-laqgħa qalu li huma dejjem ressqu l-kabbana aktar 'l hinn meta tiġi biex tinħaraq ir-raddiena /rdieden viċin tagħhom. Għal dawk il-kabbani tal-ikel li ssoltu jarmaw fi Triq id-9 t'April u Misraħ il-Fidwa, is-segretarju eżekuttiv kien infurmat li dawn għandu jinstabilhom post alternattiv mal-ħajt tal-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

6. Dwar l-*Environmental Landscapes Consortium* il-KLM qal li issa jidher li x-xogħol huwa sodisfaċenti u għalhekk m'hemmx bżonn ta' aktar diskussjoni dwar dan il-kuntratt.

**Comment [AB1]:** Anton Vella (imprenditorija)

**Comment [AB2]:** Is-sindku ircieva e-mail minn għand Chris Briffa

**Comment [AB3]:** Minuti ta' din il-laqgha kienu cirkulati lill-kunsillieri.

**Comment [AB4]:** Hotdogs burgers & chips (affarijiet tal-qali, xiwi)

7. Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009, għalqu l-applikazzjonijiet għall-iskema mnedija mill-gvern ċentrali sabiex tiżdied aktar l-**aċċessibilità fl-uffiċini tal-kunsilli lokali**. Dik tagħna kienet imdaħħla fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (*DLG*) fil-ħin wara li mtliet mis-segretarju eżekuttiv u saru pjanti u *cost estimates* mill-Perit Anthony Bezzina. Dwar id-*drawing* ta' rampa esterna għal siġġijiet bir-roti, il-perit kien tal-fehma li napplikaw għal *full development permit* mal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (*MEPA*) għaliex il-muniċipju huwa post skedat għall-importanza tiegħu mill-*MEPA*, kif fil-fatt sar, u kopja ta' dawn il-pjanti jkunu mibgħuta lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD). Hawn intlaħaq ftehim biex il-**KLM jiffirma l-ftehim propost mill-Perit Anthony Bezzina** għaliex is-sindku qal li dan dejjem naqqsilna mill-kont finali.

8. Dan kien iffirmat biex il-Perit Bezzina jagħtina l-istimi ta' kisi ta' toroq bit-*tarmac*, proposti fis-seduta preċedenti biex il-KLM ikun jista' japplika sa nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2009 għall-**fondi speċjali għall-lokalitjiet speċjali** mnedija mid-*DLG*. Din l-applikazzjoni saret f'forma ta' ittra iffirmata mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv u fiha s-segretarju eżekuttiv ġabar kemm ingħata fondi speċjali l-KLM matul is-snin u f'hiex kien nefaqhom, kif ukoll x'kienet l-allokazzjoni addizzjonali barra dik governattiva matul l-aħħar tliet snin.

**Comment [AB5]:** Il-figuri kienu mehuda minn fuq l-auditied accounts.

9. Dalgħodu stess fl-uffiċċju muniċipali, iltqajna ma' uffiċjal tal-*GO plc* u l-*Melita p.l.c.*, biex kien diskuss ix-**xogħol meħtieġ tal-Pjazza tal-Knisja** sabiex jiġu evitati *wires* li jaqsmu l-pjazza li preżentement jinsabu mwaħħla mal-faċċata tal-każin tas-SMMTĠ. Dwar dan intqal li huma m'għandhomx oġġezzjoni biex it-trinek isiru kif ipproponew fl-aħħar laqgħa l-ogħla uffiċjali tal-Korporazzjoni Enemalta u l-*wires* tagħhom jgħaddu minn pajpijiet tal-50ċm. Infatti l-uffiċjal tal-*GO* qal li se jgħaddilna wkoll l-i*sketch* u ppropona li t-trinka ddur ftit għal Triq il-Madonna tal-Ġilju biex tgħaqqad mal-*cabinet* li jinsab f'din it-triq.

10. Dwar il-librerija pubblika, id-Direttur tal-Libreriji Pubbliċi qal li hemm ċertu kundizzjonijiet fil-kuntratt li qed jimpeduna milli dan is-servizz ikompli miexi b'normalità. Dik ewlenija fosthom tkun li kull min irid mill-Iskola Primarja Mqabba, jaqbad u jidħol fi x'ħin irid hu fil-librerija anke mhux għal skopijiet ta' self ta' kotba u *story telling*. Tant hu minnu dan illi kien irrappurtat serq ta' *uninterrupted power supply (UPS)* minn din l-istess librerija li fil-verità għadu ħadd ma rrapporta l-Għassa tal-Pulizija. Id-Direttur Libreriji Pubbliċi huwa tal-opinjoni li qabel ma jkun iċċarat dan il-punt billi jsir tibdil fil-kuntratt iffirmat bejn l-Iskola, il-Kunsill u d-Dipartiment, ma joħorġux il-*call for applications* għal-librar /a. Infatti intqal f'din is-seduta li jekk hemm bżonn għandna nagħmlu laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni. F'dan il-punt intqal mis-sindku li nhar il-Ġimgħa huwa se jiltaqa' ma' Ms Sciortino, il-Kap tal-Kulleġġ San Benedittu u se jiddiskuti magħha din il-materja b'mod urġenti.

11. Issemma l-bżonn ta' ffirmar ta' ***Guardianship Deed*** biex il-katakombi tal-Mentna jkun *leased* għall-perjodu ta' ħmistax-il sena favur il-Kunsill Lokali Mqabba minn *Heritage Malta*. Iżda dwar dan is-sindku fetaħ għajnejn il-kunsillieri li rridu naraw il-kundizzjonijiet sew qabel ma niffirmawh li ma jmurx ikun hemm xi obbligazjonijiet li ma jkunux ċari fuq il-kunsill. Infatti s-sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu ma' Sue Depasquale, (*Heritage Malta*), fejn din infurmatna li hemm bżonn isiru b'kemm jiswew mhux inqas minn €26,000 f'xogħol ta' restawr li jrid isir internament. Is-sindku qal li biex ikun jista' jsir dan trid toħrog *tender* għalih u l-KLM irid jikkontribwixxi ammont sostanzjali minnha. Infatti hemm il-proposta li jinħatar kumitat li jkun kompost b'maġġoranza minn *Heritage Malta* biex jimmaniġja dan is-sit.

12. Dwar il-**Ħajt tal-Matla** sirna nafu li hemm problema għaliex dan huwa tal-privat u l-gvern għadu ma ħallasx il-fondi dovuti tal-*expropriation* lis-sidien. Il-proposta tal-Perit tal-Kunsill kif żvelata dan l-aħħar hija li jsir bħal qisu *bridge* miegħu kollu u għalhekk kien hemm bżonn ta' *full development permit* għax dan huwa propjetà skedata kif wara kollox kien neċessarju fil-każ tal-Katakombi tal-Mentna.

13. Dwar il-**barriera tal-Mitħna** li trid tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali Mqabba b'devoluzzjoni, is-sindku qal li wara li ċċekja ma' uffiċjal tal-*PPCD* fejn ikkwota *email* mibgħuta minna, ġie vverifikat li bejn l-2006 u l-2008 l-ebda applikazzjoni minn naħa tal-Kunsill Lokali Mqabba ma kienet imdaħħla mal-*Planning and Priorities Department* kif kien qed jingħad mill-eks Sindku Nicholas Briffa. Hawn Nicholas Briffa qal li dak iż-żmien ma kienx hemm applikazzjonijiet miftuħa iżda kollox kien lest. Infatti kienu bdew diskussjonijiet ma' ċertu Bertu Agius biex parti minn din il-barriera tkun trasformata fi triq li kien se jibni huwa stess.

14. Dwar il-**manutenzjoni tal-Isqaq tan-Nar** is-sindku qal li l-Kunsill Lokali Siġġiewi mhux se jirrifondina tal-*patching* li sar. Hawn is-sindku qal li se jibgħat joġġezzjona formalment għal dan, minħabba li hu ma setgħax joqgħod mingħajr ma titranġa din il-ħsara bin-nies Imqabbin deħlin u ħerġin bin-nar fil-periklu.

15. Kien approvat il-***Budget 2009-10,*** b'din is-sena mingħajr l-ebda nefqa fuq voti ta' natura kapitali. Dan għaliex skont ir-riforma se jkun hemm *ring fencing* fuq diversi voti. Is-sindku qal li l-kunċett tar-*ring fencing* huwa xi ħaġa kif taħdem is-sistema tal-Unjoni Ewropeja fejn jidħlu fondi. Is-segretarju eżekuttiv qal li nistgħu però f'nofs is-sena nagħmlu talba formali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jittrasferixxi dawn il-fondi sabiex flok per eżempju jiġu minfuqa fuq it-tindif, imorru fuq proġett partikulari.

16. Dwar iż-żamma tat-toroq, is-sindku qal li huwa talab diversi drabi lill-ADT, permezz tal-Perit Silvio Farrugia li huwa responsabbli mid-distrett tagħna, biex issir **manutenzjoni f'toroq arterjali**.

17. Dwar il-***financial statements 2008/9***, intqal li dawk ippreparati mis-segretarju eżekuttiv se jingħataw lill-udituri tal-kunsill ħalli jkun ikkonfermat kollox bl-aġġustamenti li jkun hemm bżonn li jsiru mill-istess udituri.

18. Il-KLM approva l-proposta ta' **Ħarġa għal-Għawdex** nhar l-4 ta' Ġunju 2009, minkejja li Grace Marie Mallia qalet li din mhix se tkun konvenjenti qabel l-elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej f'dak iż-żmien. Madankollu l-KLM approva l-ħlasijiet ta' €19 mit-tfal u dawk fil-pussess tal-kartanzjan kif ukoll dik ta' €22 għall-adulti.

19. Dwar il-**ħarġa li jmiss tal-fuljett**, propju qabel il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju għad iridu jgħaddulna l-artikli l-kunsillieri. S'issa ma ingħatawx dettalji dwar il-kontenut ta' din il-ħarġa.

20. Kienet approvata l-**bibita** annwali f'ġieħ il-Kumitat tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju (lilhom biss) fl-Isptar il-Qadim u d-data se tkun dik tat-8 ta' Ġunju 2009, fis-7:00pm. Għall-proposta li għamel is-sindku biex l-istess fond jinkera għall-*party* tal-preċett, il-kunsillieri l-oħra kollha kienu kontra li dan il-fond jinkera għal ***parties*** **privati**, filwaqt li s-sindku qal li bħalma dan qed jingħata lill-għaqdiet b'ċerti kundizzjonijiet, hu iħoss li nistgħu nikruh lin-nies biex naqilgħu xi ħaġa tal-kirja. Hawn Nicholas Briffa qal li meta kien sindku hu talbuhulu kemm-il darba u dejjem irrifjuta għaliex l-iskop ta' dan l-edifiċju ma kienx għalhekk peress li dan hu post skedat u hemm ċans li tiġrilu l-ħsara. Charles Farrugia qal li issa dan il-kapitlu ingħalaq darba għal dejjem filwaqt li hu baqa' jsostni li dan il-post huwa aktar addattat għal skop ta' uffiċini tal-kunsill.

21. Is-sindku ppropona li Triq ġdida fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija tiġi msemmija għan-ners Imqabbi **Ġużepp Galea,** li jiġi missier l-Onor Dr Louis Galea, l-*Ispeaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Suġġeriment mir-residenti li xtaqu li jingħata isem lil din it-triq, għal ċertu Monsinjur ma kienx hemm qbil dwaru minn dan il-kunsill, peress li hemm diversi toroq imsemmija għal persunaġġi ekkleżjastiċi. Sar qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti li t-triq

tissemma għal Ġużepp Galea, ners u mużiċist. Is-segretarju eżekuttiv se jagħmel it-talba lill-i*Street Naming Committee*.

22. Bi preparazzjoni għall-intenzjoni tal-KLM biex jiġu asfaltati diversi toroq fl-Imqabba, saret talba formali lill-KSI biex il-**mejnijiet tal-ilma** ta' dawn it-toroq jinbidlu minnhom stess. Dan qalu s-sindku biex iżomm lill-kunsill infurmat dwar il-ħsibijiet ta' asfaltar ta' toroq mill-KLM flok sempliċiment traqqiegħ bil-*cold asphalt* li jinqala' mill-ewwel.

23. Is-sindku mill-korrispondenza elenka l-bżonn li jiġi appuntat xi ħadd għall-**Parlament taż-Żgħażagħ.** Huwa ssuġġerixxa lil Grace Marie Mallia u lil Paul Spiteri filwaqt li għandna nagħtu risposta sat-30 ta' Ġunju 2009.

24. Grace Marie Mallia semmiet is-sehem tal-**voluntiera, Maria Zahra,** li qed tagħti xogħol volontarju fl-uffiċċju tagħna. Hija qalet li rridu noqogħdu attenti għaliex il-KLM jista' jiġi kkritikat li qabbadha taħdem miegħu mingħajr ma kien hemm sejħa pubblika, mentri din hija persuna volontarja. Is-sindku qal li din għalkemm mhix regolata minn xi skema tal-*ETC* bħal dik tal-*Job Experience Scheme*, jew minn xi kulleġġ bħala studenti, għandha hekk titqies peress li minnha l-KLM jista' jibbenefika biss grazzi għax-xogħol volontarju u m'hu se joħloq l-ebda preċedent.

25. Kienu approvati l-*Payment Approval Sheets* numri 344 u 345.

26. Kienu mpoġġija fuq il-mejda tal-kamra l-korrispondenza li bagħatna u rċevejna mil-laqgħa preċedenti s'issa flimkien mal-ilmenti li nfetħu u ingħalqu fl-istess perjodu issa bis-sistema l-ġdida li ġiet introdotta permezz ta' *login* bl-*e-id* mill-gvern ċentrali. Il-listi ta' dawn kienu mgħoddija mal-aġenda.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*09 /06 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |